



IL-KOPERAZZJONI TERRITORJALI EWROPEA

Il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea hija l-istrument tal-Politika ta' Koeżjoni li għandu l-għan li jsovi l-problemi li jinsabu mal-fruntieri u jiżviluppa b'mod konġunt il-potenzjal ta' territorji differenti. L-azzjonijiet ta' kooperazzjoni huma appoġġjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali permezz ta' tliet komponenti prinċipali: il-kooperazzjoni transfruntiera, il-kooperazzjoni transnazzjonali u l-kooperazzjoni interreġjonali.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013.

ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (European Territorial Cooperation - ETC) ilha parti mill-Politika ta' Koeżjoni sa mill-1990. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, għall-ewwel darba fl-istorja tal-Politika ta' Koeżjoni Ewropea, ġie adottat regolament speċifiku li jkopri l-azzjonijiet tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea appoġġjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR). L-ETC huwa l-istrument tal-Politika ta' Koeżjoni imfassal biex isolvi problemi li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jeftiegu soluzzjoni komuni, u biex jiżviluppa b'mod konġunt il-potenzjal ta' territorji differenti.

L-ammont allokati għall-ETC għall-perjodu finanzjarju 2014-2020, huwa EUR 9.3 biljun. Dawn ir-riżorsi huma mqasma kif ġej:

1. 74.05% għall-kooperazzjoni transfruntiera. Dawn il-programmi għandhom l-għan li jlaqqgħu reġjuni u awtoritajiet lokali li għandhom fruntieri komuni (tal-art jew tal-baħar) sabiex jiżviluppaw iż-żoni tal-fruntieri, jisfruttaw il-potenzjal mhux użat għat-tkabbir tagħhom u jittrattaw b'mod konġunt l-isfidi komuni identifikati. Dawn l-isfidi komuni jinkludu kwistjonijiet bħal: nuqqas ta' aċċessibbiltà fir-rigward tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT); infrastruttura tat-trasport fi stat ħażin; industriji lokali li sejrini lura; ambjent tan-negozju mhux xieraq; nuqqas ta' netwerks fost l-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali; livelli baxxi ta' riċerka u innovazzjoni u tal-użu tal-ICT; tniġġis ambjentali; il-prevenzjoni tar-riskju; attitudnijiet negattivi lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi ġirien, eċċ.;
2. 20.36% għall-kooperazzjoni transnazzjonali. Dawn il-programmi jkopru territorji transnazzjonali akbar u għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni bl-użu ta' azzjonijiet li jippromwovu l-iżvilupp territorjali integrat bejn entitajiet nazzjonali,



reġjonali u lokali f'żoni ġeografiċi Ewropej kbar. Dawn jinkludu wkoll il-kooperazzjoni transfruntiera tal-baħar li mhix koperta minn programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera;

3. 5.59% għall-kooperazzjoni interreġjonali. Dawn il-programmi għandhom l-għan li jsaħħu l-effikaċja tal-Politika ta' Koeżjoni bl-użu ta' azzjonijiet li jippromwovu l-iskambju ta' esperjenzi bejn ir-reġjuni dwar kwistjonijiet bħat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi, l-iżvilupp urban sostenibbli, u l-analiżi tat-tendenzi tal-iżvilupp fit-territorju tal-Unjoni. L-iskambju ta' esperjenzi jista' jinkludi l-promozzjoni ta' kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku bejn raggruppamenti innovattivi b'intensità għolja ta' riċerka u skambji bejn riċerkaturi u istituzzjonijiet tar-riċerka.

IL-KOPERTURA ĠEOGRAFIKA

Fil-prinċipju, il-fruntieri tal-art kollha tal-UE kemm dawk interni kif ukoll esterni, flimkien mal-fruntieri tal-baħar (ir-reġjuni separati b'distanza massima ta' 150 km jew fil-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi b'aktar minn 150 km bogħod,) jistgħu jiġu appoġġjati permezz tal-komponent ta' kooperazzjoni transfruntiera. Iż-żoni koperti mill-kooperazzjoni transnazzjonali għandhom jiġu ddefiniti mill-Kummissjoni, wara li tqis l-istrateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar, u bil-possibbiltà li l-Istati Membri jżidu t-territorji kontigwi. Il-kooperazzjoni interreġjonali se tkopri t-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea. Ir-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jinkludu l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni transfruntiera u transnazzjonali fil-qafas ta' programm ta' kooperazzjoni wieħed.

Il-pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw ukoll fil-programmi ta' kooperazzjoni. F'każijiet bħal dawn, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) jistgħu jintużaw ukoll biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni.

IL-KONĊENTRAZZJONI TEMATIKA

Biex jinkiseb l-impatt massimu tal-politika ta' koeżjoni u jsir kontribut lejn l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, l-appoġġ tal-FEŻR għall-programmi tal-ETC irid ikun ikkonċentrat fuq numru limitat ta' objettivi tematiċi^[1], li huma marbuta direttament mal-prijoritajiet ta' din l-istrateġija. Taħt kull objettiv tematiku hemm iddefinita lista ta' prijoritajiet ta' investiment fir-Regolament li jirregola l-FEŻR^[2]. Dawn huma komplementati wkoll minn prijoritajiet addizzjonali adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-azzjonijiet tal-ETC.

Il-programmi transfruntiera u transnazzjonali jridu jkunu kkonċentrati fuq mhux aktar minn erba' objettivi tematiċi, filwaqt li għall-kooperazzjoni interreġjonali ma hemm l-ebda limitazzjoni bħal din. Dawn li ġejjin huma eżempji ta' oqsma prijoritarji ta' appoġġ speċifiċi għall-programmi tal-ETC:

1. Il-kooperazzjoni transfruntiera: il-promozzjoni ta' impjiegi sostenibbli u ta' kwalità u l-appoġġ għall-mobilità fix-xogħol permezz tal-integrazzjoni tas-swieq tax-xogħol transfruntiera, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni ta' komunitajiet

[1]FI-Artikolu 9 tar-Regolament tal-UE (Nru) 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013, hemm lista ta' objettivi tematiċi.

[2]L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-UE (Nru) 1301/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013.



bejn il-fruntieri, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' edukazzjoni, taħriġ vokazzjonali u skemi ta' taħriġ konġunti, eċċ.;

2. Il-kooperazzjoni transnazzjonali: it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali ta' awtoritajiet pubbliċi u partijiet ikkonċernati u amministrazzjoni pubblika aktar effiċjenti bis-saħħa tal-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar;
3. Il-kooperazzjoni interreġjonali: it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali ta' awtoritajiet pubbliċi u partijiet ikkonċernati u amministrazzjoni pubblika aktar effiċjenti bis-saħħa tat-tixrid ta' prattiki tajbin u kompetenzi, il-promozzjoni ta' skambju ta' esperjenzi, eċċ.

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PROGRAMMI TA' KOOPERAZZJONI

Minħabba l-involvement ta' iżjed minn Stat Membru wieħed fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni, diversi kwistjonijiet speċifiċi huma indirizzati permezz tad-dispożizzjonijiet regolatorji għall-ETC, bħall-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fil-każ ta' korrezzjonijiet finanzjarji, il-proċeduri għat-twaqqif ta' segretarjat konġunt mill-Awtorità Maniġerjali rispettiva, il-proċeduri speċjali għall-involvement ta' pajjiżi jew territorji terzi, ir-rekwiżiti għar-rapporti ta' implimentazzjoni, eċċ.

L-Istati Membri li jipparteċipaw fi programm ta' kooperazzjoni jridu jaħtru awtorità maniġerjali waħda, awtorità ta' ċertifikazzjoni waħda u awtorità tal-awditjar waħda. Barra minn hekk, l-awtorità maniġerjali u l-awtorità tal-awditjar iridu jkunu fl-istess Stat Membru.

Ir-regola li kull Stat Membru jrid jadotta regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà tal-infiq (li tapplika għal programmi oħrajn taħt il-FEŻR) mhix adattata għall-ETC. B'riżultat ta' dan, kellha tiġi stabbilita ġerarkija ċara tar-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-infiq fuq livell Ewropew.

Barra minn hekk, l-involvement ta' diversi pajjiżi jirriżulta fi spejjeż amministrattivi ogħla. Għalhekk, il-livell massimu tal-infiq għall-assistenza teknika ġie ffissat f'livell ogħla minn dak għal tipi oħra ta' programmi.

PROPOSTA GĦAL POLITIKA TA' KOEŻJONI TAL-UE GĦAL WARA L-2020

F'Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet regolamenti ġodda għall-politika ta' koeżjoni tal-UE għal wara l-2020. Dawn jinkludu regolament dwar dispożizzjonijiet speċifiċi bil-għan ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg). Fil-futur, l-ETC probabbilment se jkollha tliet komponenti:

- il-kooperazzjoni transfruntiera;
- il-kooperazzjoni transnazzjonali u marittima;
- il-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi;
- il-kooperazzjoni interreġjonali;



— l-investiment fl-innovazzjoni interreġjonali;

Ir-regolament propost jistabbilixxi wkoll żewġ objettivi speċifiċi għall-Interreg:

— governanza aħjar tal-Interreg;

— Ewropa b'anqas periklu u aktar sigurtà.

F'Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew laħaq qbil dwar il-baġit fit-tul tal-UE għall-perjodu 2021-2027. Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill Ewropew ippropona li jalloka EUR 7.93 biljun għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea.

Dan ir-regolament huwa suġġett għall-proċedura leġislattiva ordinarja, fejn il-Parlament huwa fuq l-istess livell mal-Kunsill. Dan ifisser li qabel tmiem l-2020, dawn iż-żewġ istituzzjonijiet se jkollhom jilħqu ftehim dwar ir-regoli futuri għall-ETC. F'Marzu 2019, il-Parlament ikkonkluda l-ewwel qari tiegħu.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi r-Regolament dwar l-ETC jaqa' taħt il-proċedura leġislattiva ordinarja, il-Parlament Ewropew seta' jiddeċiedi dwar il-kontenut tiegħu fuq l-istess livell bħall-Kunsill. Il-Parlament kien favur iż-żamma tal-istruttura eżistenti tal-ETC bit-tliet tipi differenti ta' programmi tiegħu.

Il-Parlament qagħad attent għall-isfidi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, u biex jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera fuq il-fruntieri tal-baħar għal dawk ir-reġjuni, ġiet introdotta aktar flessibbiltà fir-regola dwar il-limitu ta' 150 km. Barra minn hekk, grazzi għall-inizjattiva tal-Parlament, ir-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jikkombinaw l-allokazzjonijiet tal-FEŻR għall-kooperazzjoni transfruntiera u transnazzjonali fi programm wieħed għall-kooperazzjoni territorjali. Fl-aħħar nett, inħolqu regoli speċifiċi biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi li qed jikkooperaw ma' pajjiżi terzi.

Fil-każ tal-kooperazzjoni transnazzjonali, il-Parlament irnexxielu jiddefendi l-fehma tiegħu li l-Kummissjoni trid tikkunsidra l-istrategġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar, kemm dawk eżistenti kif ukoll tal-ġejjieni, meta tiddeċiedi dwar il-lista ta' żoni li huma intitolati biex jirċievu appoġġ.

Il-Parlament introduċa aktar flessibbiltà fir-regoli permezz ta' żewġ modi: billi 80% tal-fondi ġew ikkonċentrati fuq erba' objettivi tematiċi filwaqt li l-20% l-oħra baqgħu miftuħa; u bl-introduzzjoni ta' marġni ta' flessibbiltà ta' 15% għat-trasferiment tar-riżorsi bejn il-faxex transfruntiera u dawk transnazzjonali.

Il-Parlament iqis li l-lista tal-prijoritajiet differenti ta' investiment ġiet adattata għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea. Il-modalitajiet ta' implimentazzjoni ġew issimplifikati għall-programmi ta' kooperazzjoni, li jfisser tnaqqis tan-numru ta' awtoritajiet involuti fl-implimentazzjoni tal-programmi flimkien ma' kjarifika tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom. Ir-rekwiżiti tal-kontenut għall-programmi ta' kooperazzjoni u r-rapporti ta' implimentazzjoni ġew imtejba bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet tal-programmi.

Il-Parlament iddefenda bil-qawwa l-ħtieġa li titjeb il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, b'mod partikolari f'dawn l-aspetti:



- it-tiŝiħ tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea bħala għan uniku tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, sostnut b'finanzjament solidu għall-perjodu 2014-2020 kollu kemm hu;
- billi jinstab il-bilanċ ġust għall-konċentrazzjoni tematika, b'mod li tkun b'saħħitha biżżejjed biex tikkonforma mal-oġġettivi tal-2020, iżda wkoll flessibbli biżżejjed biex tiġi adattata għall-ħtiġijiet differenti tal-kooperazzjoni transfruntiera u transnazzjonali;
- it-titjib tal-ġestjoni u l-awditjar tal-programmi, sabiex jiġu żgurati riżultati tajbin.

Marek Kołodziejski
08/2020

